MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 284/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f’ Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u minghajr effett skond il-Ligi.

3. Illi l-konvenut kien mohhu fil-hbieb u baqa’ jghix hajja ta’ guvni anke wara li zzewweg. Il-partijiet fil-fatt ma kellhomx hajja ta’ shubija ghaliex il-konvenut kien dejjem

ifittex il-hbieb tant li l-hajja mizzewga bejniethom spiccat wara sena u hdax-il xahar. Il-konvenut ma weriex li kien lest u kapaci dak iz-zmien li jimpenja ruhu ghad-dmirijiet tal-hajja mizzewga.

4. Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

5. Illi ukoll l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

6. Illi ukoll il-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

7. Illi li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f' Malta fit-22 ta' Mejju tas-sena 2004, huwa null u bla effett skond il-Ligi, b' mod partikolari a tenur tas-sub incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha rrisponda:

1. Illi huwa minnu illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fit-tnejn u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgha (22/5/2004) u li minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

2. Illi huwa minnu wkoll illi z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, izda dan unikament ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici;

3. Illi ma huwiex minnu illi l-esponent kien biss mohhu fil-hbieb u li ma mpenjax ruhu ghad-dmirijiet tal-hajja mizzewga;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa minnu illi l-kunsens tal-attrici kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta' l-istess. Fil-fatt l-attrici baqghet tghix hajja ta' xebba anke wara li l-kontendenti zzewgu;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-hames (5) premessa attrici jigi rilevat illi l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kunsens tal-attrici inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg. Fl-ewwel lok jigi rilevat illi hija eskludiet il-fidelta' u l-monogamija. Xhieda ta' dan hemm ir-relazzjoni adultera li hija kellha biss ftit xhur wara z-zwieg. Fit-tieni lok l-attrici eskludiet l-att sesswali miz-zwieg taghha ma' l-esponent u anke wara z-zwieg l-esponent sar jaf li l-attrici ma setghax ikollha tfal;

7. Illi ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-ligi, b' mod partikolari ghat-tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan minhabba tort imputabbli unikament lill-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavids prezentati;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-22 ta' Mejju 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Ka.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghal tortijiet imputabbli lill-attrici bazati fuq l-paragrafi precitati.

**Kwadru tal-fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 2004 wara gherusija ta' circa tlett snin li bdiet wara li l-partijiet kellhom rispettivament relazzjoni fit-tul ma' terzi. Wara konvivenza matrimonjali ta' sena u hdax-il xahar il-partijiet isseparaw de facto, u fis-16 ta' Jannar 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tghid li hija kienet bdiet tohrog mal-konvenut xahar wara li kienet hassret relazzjoni ma' guvni iehor u li kien ilha sejra sitt snin, wara li dan kien tradiha ma' tfajla ohra. Dan il-fatt kien ta' xokk kbir ghal genituri taghha li kienu draw sew lil dak il-guvni, u wkoll kellu effett trawmatiku fuq l-attrici li allura riedet tidhol f' relazzjoni ohra malajr kemm jista' jkun, kemm ghax ma kellhiex hbieb, kif ukoll minhabba l-genituri taghha li kien jinsistu maghha sabiex tissetilja ma' guvni.

Tghid li sa mill-bidu ta' l-gherusija taghhom il-konvenut deher li kien bniedem dominanti u egoist hafna; huwa kien ifittex biss dak li kien komdu ghalih, kien anke f' dak iz-zmien ried jibqa' johrog mal-hbieb u qatt ma kien wera

hegga ghaz-zwieg. L-attrici tghid li meta hi kienet tirrimarkalu dwar dawn in-nuqqasijiet tieghu, huwa kien jghidilha li wara z-zwieg kien ser jinbidel. L-attrici tghid ukoll li kienet bdiet tinnota li xi tlett xhur qabel iz-zwieg l-konvenut kien qabad hbiberija ma' xi nisa li kienu jahdmu fil-Kunsill Lokali u kien beda jqatta' hafna hin hemmhekk.

L-attrici tkompli tghid li wara z-zwieg il-konvenut baqa' l-istess. Kien ikollu seba' mitt sena biex jitlaq mid-dar, u kien baqa' ffissat fuq il-hrug mal-hbieb. Wara x-xoghol huwa kien jibqa' barra u anke jmur il-kunsill, b' mod li kien jittardja sabiex jigi d-dar. Fi kliemha: "Ghax dawn l-istess affarijiet li kien jaghmel ta' gharajjes, pero' konna gharajjes dejjem kien iweghdin li wara z-zweieg inkunu aktar close, imma xorta baqa' bl-istess. Kien jigi [dar] fit-8.30 pm, jiekol, jidhol fis-sodda u jorqod u jiena kont qed inhossni qed nghix ghal xejn." Tghid li qatt ma kien hemm rabta emozzjonali jew ta' affezzjoni bejniethom.

Sussegwentement huwa beda jgib id-dar habib tax-xoghol tieghu, u dana fuq bazi regolari, u l-attrici kien ikollha ssajjar ghalih ukoll. Issemmi wkoll okkazzjonijiet meta dana kien raqad fis-sodda maghhom bil-konvenut fin-nofs. Dan il-habib tal-konvenut kien spicca jmur ghandhom kuljum. Eventwalment l-attrici telqet mid-dar konjugali; u llum il-gurnata ghandha relazzjoni ma' dan ir-ragel li kien dahhal zewgha fid-dar matrimonjali.

Illi minn naha tieghu l-konvenut ikkonferma li l-attrici kienet tilmenta mieghu li hu kien ihalliha hafna hin waheda, u li ma tantx kien ikun prezenti fil-hajja mizzewga. Huwa jikkonferma wkoll li kien dahhal il-habib tieghu god-dar matrimonjali u dan b' mod regolari, u jghid li ma kienx jiddejjaq mill-fatt li okkazzjonalment il-mara tieghu kienet tkun waheda fid-dar ma' dan il-habib tieghu, izda cahad li kien hemm okkazzjonijiet li t-tlieta kemm huma kienu fuq sodda wahda. Huwa jghid li lil martu kien jafdha hafna u hafna; u sahanistra meta nduna l-ewwel darba li kien hemm relazzjoni bejn martu u dan il-habib tieghu, huwa hafrilha; izda xorta wadha dan il-habib tieghu, wara ftit taz-zmien, rega' beda jidhol ghandhom.

Sussegwentement ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejniethom xfaxxat fi zmien daqshekk qasir meta l-attrici telqet mid-dar konjugali biex tkompli r-relazzjoni ma’ dan l-istess ragel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti hi tal-fehma li t-tkissir tal-hajja konjugali ta’ bejn il-partijiet hija dovuta principalment ghan-nuqqas serju da parti tal-konvenut li jgharraf wiehed mill-obbligi essenzjali tal-hajja konjugali, u cioe’ dak tal-konvivenza bejn il-konjugi diretta lejn il-benessere reciprpoku.

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenut fl-egoismu tieghu, u fin-nuqqas tieghu li jgharaf dan l-obbligu essenzjali fiz-zwieg, pogga lil martu f’ sitwazzjoni li wasslet ghall-adulterju konsegwenzjali taghha. Il-konvenut kien kompletament insensittiv ghall-bzonnijiet ta’ martu, u cioe’ li jkollha lil zewgha maghha fil-hajja matrimonjali sabiex iqattghu flimkien hin bizzejjed biex isahhu r-rabta taghhom. Jidher car li japplika ghall-konvenut il-kuncett espress fil-kliem “komdu hu, komdu kulhadd”. Inoltre, il-konvenut dahhal ragel iehor fid-dar konjugali minghajr ma qaghad iqis il-konsegwenzi ta’ din l-azzjoni tieghu, u l-effett taghha fuq martu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti f’ dan il-kaz tirravvisa fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat, stante li l-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja konjugali, tali li vvizja l-kunsens matrimonjali tieghu.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Mejju 2004. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------